**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Skandinaviska Enskilda Banken AB Momsgrupp

*Konvenut:* Skatteverket

**Domandi preliminari**

(1) Il-Parti B tal-Artikolu 13 tas-Sitt Direttiva tal-VAT (Artikolu 135, Nru 1 tad-Direttiva tal-Kunsill dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1])) għandha tiġi interpretata fis-sens li l-eżenzjonijiet previsti minn dan l-istess artikolu huma applikabbli wkoll għas-servizzi (underwriting) li permezz tagħhom kumpannija ta' intermedjazzjoni mobiljari tagħti, bi ħlas, garanzija lil kumpannija li tkun trid teffettwa ħruġ ta' azzjonijiet, meta l-garanzija timplika li l-kumpannija ta' intermedjazzjoni mobiljari tagħti impenn li tissottoskrivi l-azzjonijiet li eventwalment ma jiġux sottoskritti fil-perijodu ta' sottoskrizzjoni?

([1]) Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23–62)

**Appell ippreżentat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fit-22 ta' Diċembru 2009 mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-6 ta' Ottubru 2009 fil-Kawża T-21/06, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

**(Kawża C-544/09 P)**

(2010/C 51/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ir-Repubblika tal-Ġermanja (rappreżentanti: M. Lumma, J. Möller u B. Klein, aġenti)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

L-appellanti titlob

— li tiġi annullata s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, tas-6 ta' Ottubru 2009, fil-Kawża T-21/06, Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni;

— li tiġi annullata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005)3903, tad-9 ta' Novembru 2003, dwar l-għajnuna mill-Istat implementata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-introduzzjoni tat-televiżjoni diġitali terrestri (DVB-T) fir-reġjun ta' Berlin-Brandenburg, u

— li l-appellata tiġi kkundannata għall-ispejjeż kollha.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appell huwa dirett kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej, li permezz tagħha ġie miċħud bħala infondat ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tad-9 ta' Novembru 2005, dwar il-proċedura tal-Għajnuna mill-Istat C25/2004 rigward l-introduzzjoni tat-televiżjoni diġitali terrestri (DVB-T) fir-reġjun ta' Berlin-Brandenburg. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni kienet qieset li l-miżura ta' għajnuna ma kinitx kompatibbli mas-suq komuni (Artikolu 107(3)(ċ) TFUE).

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tinvoka ħames aggravji b'kollox li permezz tagħhom hija ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tirrikonoxxi abbuż ta' setgħa attribwibbli lill-Kummissjoni, u li għaldaqstant hija żbaljat meta ċaħdet ir-rikors.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat meta ċaħdet l-effett ta' inċentiv tal-miżura, sa fejn hija ħadet biss inkunsiderazzjoni l-perijodu limitat ħafna li jikkorrispondi għall-bidla mix-xandir analogu terrestri għad-DVB-T, minflok ma eżaminat l-ispejjeż tal-miżura kkunsidrata globalment għax-xandara vvantaġġjati. B'mod globali, din il-miżura tinkludi, b'mod parallel għall-bidla għad-DVB-T, l-obbligu li tinżamm l-offerta ta' programmi fuq id-DVB-T matul perijodu ta' ħames snin. Għaldaqstant, l-ispejjeż li dan il-perijodu ta' xandir obbligatorju jimplika għandhom ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza, b'mod żbaljat, estendiet il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 107(3)(ċ) tat-TFUE, sa fejn hija aċċettat li l-Kummissjoni tiċħad in-natura xierqa tal-miżura ta' għajnuna għas-sempliċi raġuni li ġie allegat li miżuri leġiżlattivi alternattivi setgħu, huma wkoll, jilħqu l-għan segwit. It-tqabbil ma' miżuri alternattivi ma huwiex parti, fis-sens tad-dispożizzjonijiet tat-TFUE rigward l-kontroll tal-għajnuna, mill-proċedura ta' eżami li l-Kummissjoni hija awtorizzata li tagħmel. F'dan il-kuntest, il-Gvern Federali jallega wkoll li l-Qorti tal-Prim'Istanza qiegħdet fuq l-Istat Membru l-oneru tal-prova li l-miżuri alternattivi ssuġġeriti mill-Kummissjoni ma kellhom, *prima facie*, l-ebda effett. Dan imur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali, kontra l-prinċipji tal-oneru tal-prova u l-għan tal-kontroll tal-għajnuna.

It-tielet nett, fl-analiżi tagħha taħt l-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE, il-Qorti tal-Prim'Istanza evalwat b'mod żbaljat ir-rilevanza tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, li, inkwantu parti integrali tad-dritt primarju, jorbtu l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Jekk sempliċi riferiment għal eventwali miżuri leġiżlattivi alternattivi kien biżżejjed sabiex tiġi miċħuda awtorizzazzjoni ta' għajnuna, dan ikun ifisser li jiġi injorat il-fatt li miżuri leġiżlattivi jippreġudikaw id-dritt fundamentali tal-eżerċizzju liberu ta' attività ekonomika mill-impriżi. Dan l-aspett għandu mill-inqas jiġi eżaminat, u dan ma seħħx f'dan il-każ.

Ir-raba' nett, billi rreferiet għal miżuri leġiżlattivi alternattivi, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet interpretazzjoni żbaljata tal-kunċetti ta' suq intern u ta' tfixkil tal-kundizzjonijiet tal-kummerċ imsemmija fl-Artikolu 107(3)(ċ) tat-TFUE, għaliex ma rrikonoxxietx li miżuri leġiżlattivi setgħu wkoll ifixklu l-kompetizzjoni. Il-konklużjoni ġenerali li kull miżura leġiżlattiva tippreġudika dawn l-interessi legali inqas minn għajnuna, ġejja minn kriterji li l-portata tagħhom tnaqqset b'mod mhux awtorizzat.

Il-ħames nett, il-Ġermanja tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza adottat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika żviluppat mill-Kummissjojni mingħajr ma rrikonoxxiet f'din l-okkażjoni li, b'dan il-mod, l-għan segwit mill-awtoritajiet Ġermaniżi b'din il-miżura kien miċħud fuq il-mertu. Il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika jikkostitwixxi kriterju xieraq għall-finijiet tal-eżami ta' kompatibbiltà biss jekk l-għan tas-sussidju jkun jikkonsisti bħala tali fil-bidla għal xandir diġitali. Fil-każ tas-sussidju marbut mal-bidla għad-DVB-T fir-reġjun ta' Berlin-Brandenburg, madankollu, għal diversi raġunijiet, kellu jiġi vvantaġġjat dan il-mod ta' xandir, filwaqt li l-mezzi ta' xandir bil-kejbil u bis-satellita ma kienu jeħtieġu l-ebda sussidju. Fl-istabbiliment tal-għan leġittimu tal-miżura ta' għajnuna, l-Istat Membru għandu marġni ta' diskrezzjoni.

---

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Diċembru 2009 minn BCS SpA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) fit-28 ta' Ottubru 2009 fil-Kawża T-173/08: BCS SpA vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI)**

**(Kawża C-553/09)**

(2010/C 51/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Appellanti:* BCS SpA (rappreżentanti: M. Franzosi, V. Jandoli, F. Santonocito, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċeduri:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Deere & Company

## Talbiet tal-appellanti

L-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja togħġobha:

— tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati;

— tiddikjara l-invalidità tat-trade mark Komunitarja '289;

— tordna lill-partijiet l-oħra jbatu l-ispejjeż.

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tissottometti li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bis-segwenti żbalji ta' liġi:

I. il-Qorti tal-Prim'Istanza interpretat ħażin l-Artikolu 7(1)(b) u 7(3) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja ([1]), billi ddikjarat li l-kisba ta' karattru distintiv f'sinjal ma jiddependix fuq l-użu esklużiv passat u preżent (barra minn hekk, tali użu ma ġiex ippruvat; pjuttost, fl-istess deċiżjoni, jingħad li huwa miċħud f'xi pajjiżi);

II. il-Qorti tal-Prim'Istanza applikat b'mod żbaljat il-kriterji msemmija fil-ġurisprudenza Komunitarja għall-aċċertament tal-kisba tal-karattru distintiv, bi ksur tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja.

Taħt l-inċiż I., in-nuqqas ta' użu esklużiv f'partijiet oħra tal-Komunità jiġi ppruvat permezz tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn terzi fid-Danimarka u fl-Irlanda. Tabilħaqq in-nuqqas ta' assoċjazzjoni univokali bejn it-tagħqid tal-kuluri aħdar u isfar u Deere hija inkompatibbli mar-rikonoxximent tal-karattru distintiv miksub mis-sinjal f'dawn il-pajjiżi.

Taħt l-inċiż II., BCS tikkontesta l-kriterji legali applikati mill-Qorti tal-Prim'Istanza f'relazzjoni mal-evidenza anċillari, għaliex jikkontrastaw mal-prinċipji li joħorġu mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja. Tabilħaqq, it-tul ta' żmien tal-użu tat-trade mark Deere, l-ishma tas-swieq u l-volum tal-bejgħ ma jistgħux jitqiesu bħala elementi suffiċjenti — meta meħuda individwalment — biex jipprovaw it-tifsira anċillari miksuba. U b'mod partikolari ma jistgħux jikkompensaw għal nuqqas ta' opinjoni pubblika (jew riżultat kontradittorju minn dikjarazzjonijiet ta' terzi), inkwantu dawn huma paramentri evidenzjali ta' natura differenti.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball meta ma kkunsidratx il-prova diretta tan-nuqqas ta' karattru distintiv tat-trade mark Komunitarja '289 fl-Irlanda u fid-Danimarka.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 78, p. 1)